# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 281/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kenneth Tanti**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kenneth Tanti**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 289390(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Frar 2014 għall-ħabta ta' 20:00hrs fl-*Arrivals Section* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja u f'dawn il-Gżejjer:

1. żamm xi għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar, li l-kaċċa jew it-teħid tagħhom huwa projbit taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar

Selvaġġi u ċioè tlett Brajmla Ħamra (Ferruginous Duck) Aythya Nyroca (inkluża fi Skeda I); Blongun Żgħir (Little Grebe) Tachybaptus ruficollis u Ċawla (Western Jackdaw) Corvus monedula, kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dawk l-għasafar ma kienux ġew iddikjarati u reġistrati mal-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata l-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex iżomm dawk l-għasafar u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. żamm għasafar kemm ħajjin kemm mejtin jew parti minn xi għasafar mhux imsemmijin fl-iSkeda II jew l-iSkeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u ċioè tlett Brajmla Ħamra (Ferruginous Duck) Aythya Nyroca (inkluża fi Skeda I) u Blongun Żgħir (Little Grebe) Tachybaptus ruficollis, meta dawk l-għasafar ma kienux ittieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikun jistgħu jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-iStat Membru l-ieħor u dawk l-għasafar ma kienux miġjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni, il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. importa għasafar ħajjin jew mejtin jew xi parti li tista' tingħaraf ta' xi għasafar li huma mħarsa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè dawk mhux inklużi taħt Skeda III(a), bi ksur ta' Regolament 6(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. importa xi eżemplari, ukoll jekk dawn mhux imsemmijin fl-Anness mar-Regolamenti Prinċipali, mingħajr ma applika lilll-Awtorita' Amministrattiva bil-miktub fuq formoli disponibbli għaldaqstant minn dik l-Awtorita' bi ksur ta' Regolament 5 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora (A.L. 236 tal-2004);

6. ma żammx fil-pussess tiegħu, u għaż-żmien kollu li eżemplari li l-importazzjoni tagħhom taqa' taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, u ċioè tlett Brajmla Ħamra (Ferruginous Duck) Aythya nyroca, kull permess, ċertifikat u liċenzja li kellhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dawk l-eżemplari u dan bi ksur ta' Regolament 7 tal-A.L. 236 tal-2004;

7. importa fil-komunita' eżemplari, u ċioè tlett Brajmla Ħamra (Ferruginous Duck) Aythya nyroca, mingħajr il-permessi jew ċertifikati neċessarji bi ksur ta' Regolament 8(1)(a) tal-A.L. 236 tal-2004;

8. ma għamilx notifika dwar l-importazzjoni bi ksur ta' Regolament 8(1)(e) tal-A.L. 236 tal-2004;

9. daħħal eżemplari, u ċioè tlett Brajmla ħamra (Ferruginous Duck) Aythya Nyroca, ġewwa jew ħareġ il-barra jew għadda fi transit mit-territorju tal-Komunita' mingħajr il-permessi jew ċertifikati neċessarji maħruġa skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali u, fil-każ ta' esportazzjoni jew esportazzjoni mill-ġdid minn pajjiż ieħor li jkun parti fil-Konvenzjoni, mhux skont il-provvedimenti tal-istess Konvenzjoni jew mingħajr ma ġab prova sodisfaċenti tal-eżistenza ta' dak il-permess jew ċertifikat u dan bi ksur ta' Regolament 8(1)(i) tal-A.L. 236 tal-2004;

10. naqas milli japplika bil-miktub għand l-Awtorita' Amministrattiva skont il-provvedimenti tar-Regolament 5 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora bi ksur ta' Regolament 8(1)(n) tal-A.L. 236 tal-2004;

11. naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu xi permess, ċertifikat jew liċenzja skont il-provvedimenti tar-Regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora u dan bi ksur ta' Regolament 8(1)(p) tal-A.L. 236 tal-2004;

12. importa oġġetti li joriġinaw f'xi pajjiż ta' barra l-Unjoni Ewropea li huma elenkati fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14 ) mingħajr ma kellu fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni jew liċenzja ta' importazzjoni valida maħruġa mill-Ministeru u dan bi ksur ta' Regolament 3(1)(b) ta' L.S. 117.14;

13. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), mill-Maġt. Dr. A. J. Vella LL.D. datata 13 ta' Novembru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba illi, barra li timponi l-multa applikabbli taħt ir-Regolament 27(2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll illi, barra milli timponi l-multa jew priġunerija, jew dik il-multa u priġunerija flimkien applikabbli taħt ir-Regolament 8(2) tal-A.L. 236 tal-2004, tordna l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi *warrant*, liċenza, permess jew awtorita' għal żmien mhux inqas minn sena skond il-provvedimenti ta' Regolament 8(4) tal-A.L. 236 tal-2004.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll illi, barra li timponi l-multa jew priġunerija applikabbli taħt Regolament 8 tal-L.S. 117.14, tordna l-

konfiska tal-oġġetti li għalihom jirriferixxi r-reat, anki jekk sidhom ma jkunx parti fil-proċeduri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 6(1) tal-A.L. 79 tal-2006, Regolamenti 5, 7, 8(1)(a), 8(1)(e), 8(1)(i), 8(1)(n), 8(1)(p) tal-A.L. 236 tal-2004 u Regolament 3(1)(b) tal-L.S. 117.14 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u filwaqt li kkundannatu multa ta' sitt elef Euro (€6,000), ikkundannatu wkoll għal sena priġunerija li ġiet sospiża għal tliet (3) snin taħt superviżjoni *ai termini* ta' Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka permanenti tal-liċenzji tal-imputat u ordnat ukoll il-konfiska tal-eżebiti.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2016 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi **TĦASSAR u TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux ħatja tagħhom u konsegwentement **TILLIBERAH** minnhom; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Mejju 2016. L-appellant iressaq is-segwenti aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu:

- Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti ma segwitx id-dettami tal-liġi u jisħaq li s-sentenza appellata ma fijiex motivazzjoni. Jgħid li għalkemm in-nuqqas ta' motivazzjoni għar-raġunament tal-Qorti ma tirriżultax fin-nullita' tas-sentenza, il-ġurisprudenza tindika li għalkemm il-proċedura tkun waħda sommarja xorta din għandha jkollha r-raġuni għala l-Ewwel Qorti sabet ħtija. Jgħid li (*a fol.* 41): *"mill-atti proċesswali ma jirriżulta illi hemm xejn ħlief dokumenti illi ġew eżebiti minn dawk illi ddeponew liema iżda dokumenti ma hemm l-ebda spjegazzjoni fuqhom."*

- It-tieni aggravju tal-appellant huwa fil-mertu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u jgħid li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet differenti u li kellha tilliberah. Jgħid li l-provi ma għandhomx jitqiesu b'mod spezzettat iżda għandhom ikunu analizzati flimkien u minkejja li huwa minnu li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-fatti iżda din il-Qorti dejjem tagħmel apprezzament approfondit tal-provi biex tara jekk il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kinitx *safe and satisfactory*.

- It-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jisħaq li l-Qrati saħqu bosta drabi li l-għan tal-piena għandu jkun wieħed reformattiv u jgħid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva u sproporzjonata.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tibda bil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jagħmel aktar sens li jsir hekk.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment tinnota li l-ewwel ikun opportun li ssir riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali ta' dan il-każ. Jirriżulta li l-atti proċesswali jikkontjenu s-segwenti:

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

- *a fol.* 1 sa 3: ċitazzjoni li fiha l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat;

- *a fol.* 4: verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-18 ta' Mejju 2016, fejn fih hemm imniżżel hekk:

  *"Meta ssejħet il-kawża deher l-Uffiċjal Prosekutur Colin Sheldon.*

  *Deher l-imputat assistit minn Dr. Charlon Gouder.*

  *Xehed l-imputat.*

  *Xehed Charles Farrugia.*

  *Xehed Jonathan Abdilla tal-Malta International Airport.*

  *Id-difiża ppreżentat il-provi.*

  *Saret trattazzjoni.*

  *Il-Qorti għaddiet għas-sentenza."*

- *a fol.* 5: ċitazzjoni;

- *a fol.* 6 sa 25: numru ta' dokumenti (inkluż ritratti);

- *a fol.* 26 sa 30: sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Mejju 2016;

- *a fol.* 31: dokument li bih l-appellant allura imputat talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata;

- *a fol.* 32: garanzija;

- *a fol.* 33 u 34: Ordni ta' Superviżjoni;

- *a fol.* 35 sa 49: Rikors tal-appell tal-appellant;

- *a fol.* 50 'il quddiem: inkartament relattiv mas-smigħ fi stadju ta' appell.

Illi minn dak imsemmi hawn fuq jidher biċ-ċar li l-atti proċesswali għandhom nieqsa mhux biss it-traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet mogħtija mix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti pero' jidher li hemm nieqsa wkoll għal tal-anqas verbal wieħed peress li ma jirriżultax xi provi tressqu mill-Prosekuzzjoni u min ippreżenta d-dokumenti li hemm fl-atti proċesswali. Ħarsa lejn is-sentenza appellata ma tgħinx f'dan l-eżerċizzju peress li hija ma ssemmi l-ebda depożizzjoni minn xi xhud prodott quddiemha u anqas tagħmel riferenza għal xi dokument/i li ġew ippreżentati quddiemha.

Illi din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li fil-verbal tas-seduta miżmuma fit-18 ta' Jannar 2018 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, hemm imniżżel hekk (*a fol.* 50A *et seq.*):

> *"L-Avukat Ġenerali jirrileva li l-atti proċesswali jidhru li ma humiex ben kompilati stante li jidher li xehdu nies imsejħa mill-Prosekuzzjoni u dawn ma jirriżultax reġistrati fil-verbal tal-Ewwel Qorti, hemm ukoll dokumenti esebiti mingħajr ma jindikaw min esebihom u għalhekk intalab differiment sabiex jinġiebu l-prime note tal-Ewwel Qorti għall-verifika tagħhom.*
>
> *Il-Qorti stante li din hija attitudni ripetuta ta' l-awla in kwistjoni, tiċħad it-talba u l-Qorti stante li ma hawn ebda xhieda imħarrka għall-Prosekuzzjoni tordna l-prosegwiment tall-appell fi stadju difiża."*

Illi fil-verbal tas-seduta ta' wara *ossia* dik miżmuma fit-12 ta' April 2018 hemm imniżżel hekk (*a fol.* 53):

> *"Id-difiża tiddikjara li ma ghandhiex provi.*
>
> *Id-difensuri tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom."*

Illi fit-12 ta' April 2018 din il-Qorti diversament preseduta ħalliet l-appell għas-sentenza għal data oħra.

Illi għandu jingħad li minn dakinhar tat-18 ta' Jannar 2018 fejn saret it-talba tal-Avukat Ġenerali fir-rigward tax-xhieda u tad-dokumenti kif hawn fuq imsemmi (liema talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti diversament preseduta) sallum ma saret l-ebda talba oħra mill-Avukat Ġenerali sabiex possibbilment tiġi mibdula d-deċiżjoni msemmija. B'hekk din il-Qorti kif preseduta ser ikollha tagħti din is-sentenza fuq dak li hemm fl-atti proċesswali.

Illi minn dak li hemm fl-atti proċesswali ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti setgħet issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati lilu. In-nuqqas li hemm fl-atti proċesswali huwa ta' minn jistmerru. Fl-istess waqt ġialadarba din il-Qorti diversament preseduta ħadet id-deċiżjoni tagħha kif hawn fuq imsemmi in segwitu tat-talba tal-Avukat Ġenerali, liema deċiżjoni baqgħet fis-seħħ, b'hekk ma tantx hemm wisq aktar x'jingħad għajr li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti kellha raġunijiet biżżejjed biex issib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, din il-Qorti qed tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant mhux eżattament għar-raġunijiet imsemmija minnu fl-aggravju msemmi pero' għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq.

**Ikkunsidrat**

Illi minħabba li t-tieni aggravju ġie milqugħ, m'hemmx bżonn li jsiru konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-oħra mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Kenneth Tanti, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati

tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**